Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1910

3.8.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1910

tat-30 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/638 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija

(notifikata bid-dokument C(2026) 5607)

(It-test bir-Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar hija marda infettiva li taffettwa lill-annimali kaprini u ovini u li jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, u dan jikkawża tfixkil fil-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. Fil-każ ta' tifqigħa tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fl-annimali kaprini jew ovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra li jżommu l-annimali kaprini jew ovini.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta fil-każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, u ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti oħra madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/638 ([4]) ġiet adottata abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429 u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija. B'mod aktar speċifiku, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/638 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti oħra li jrid jistabbilixxi dak l-Istat Membru, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, wara tifqigħa ta' dik il-marda, iridu jinkludu mqar iż-żoni elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/638 tal-25 ta' Marzu 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/525 (ĠU L, 2025/638, 28.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/638/oj).

(4) Mill-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/638 ([5]), ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni, fis-17 ta' Lulju 2026, b'żewġ tifqigħat tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fi stabbilimenti fejn jinżammu l-annimali ovini u kaprini, li jinsabu fil-kontej ta' Braşov u ta' Mureş. F'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, ir-Rumanija stabbiliet żoni ristretti, li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, fejn jiġu applikati l-miżuri għall-kontroll tal-mard stabbiliti f'dak ir-Regolament Delegat, sabiex jiġi evitat li dik il-marda tkompli tinxtered. Waħda minn dawk it-tifqigħat il-ġodda tinsab barra miż-żoni ristretti li kienu diġà stabbiliti bħala riżultat ta' tifqigħat preċedenti, jiġifieri fil-kontea ta' Mureş.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li ż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti oħra għar-Rumanija fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/638, kif ukoll id-durata tal-miżuri li japplikaw fihom, jiġu aġġustati biex iqisu t-tifqigħat il-ġodda. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu emendati l-lista taż-żoni ristretti u d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, stabbiliti fl-Annessi ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(6) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza, u taż-żoni ristretti oħra, u d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza u taż-żoni ristretti oħra, u tal-għadd tagħhom, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fiż-żoni affettwati minn dik il-marda, iżda anke s-sitwazzjoni epidemjoloġika kumplessiva tal-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fit-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat minn dik il-marda, kif ukoll il-livell tar-riskju li l-marda tkompli tinxtered. Barra minn hekk, id-durata tal-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni ġiet iddeterminata f'konformità mal-istandards internazzjonali stipulati fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ([6]).

(7) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, u l-ħtieġa li jiġi evitat li l-marda tkompli tinxtered mir-Rumanija lejn Stati Membri oħra, jenħtieġ li l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jibdew japplikaw mill-iktar fis.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/638 huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1831 tat-23 ta' Lulju 2026 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/638 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija (ĠU L, 2026/1831, 24.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1831/oj).

([6]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/.

ANNESS

"ANNESS I

Parti A: Żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħa kkonfermata

Country	Administrative area and ADIS reference number of the outbreak	Areas established as protection and surveillance zones, referred to in Article 1	Date until applicable
Romania	**Mureș county** RO-PPR-2026-00001 RO-PPR-2026-00004 RO-PPR-2026-00006	Protection zone: Those parts of Mureș County, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 46.314, Long. 24.578 (2026/1), Lat. 46.277, Long. 24.612 (2026/4), Lat 46.315235, Long. 24.593356 (2026/6).	27.8.2026
		Surveillance zone: Those parts of Mureș, County, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates Lat. 46.314, Long. 24.578 (2026/1), Lat. 46.277, Long. 24.612 (2026/4), Lat 46.315235, Long. 24.593356 (2026/6) excluding the areas contained in the protection zone.	14.9.2026
		Surveillance zone: Those parts of Mureș County, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates Lat. 46.314, Long. 24.578 (2026/1), Lat. 46.277, Long. 24.612 (2026/4), Lat 46.315235, Long. 24.593356 (2026/6).	28.7.2026 – 14.9.2026
Romania	**Timiș county** RO-PPR-2026-00002 RO-PPR-2026-00003	Protection zone: Those parts of Timiș County, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.555, Long. 20.993 (2026/2), Lat. 45.967, Long. 20.666 (2026/3).	23.8.2026
		Surveillance zone: Those parts of Timiș County, County, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates Lat. 45.555, Long. 20.993 (2026/2), Lat. 45.967, Long. 20.666 (2026/3), excluding the areas contained in the protection zone.	10.9.2026
		Surveillance zone: Those parts of Timiș County, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates Lat. 45.555, Long. 20.993 (2026/2), Lat. 45.967, Long. 20.666 (2026/3).	24.7.2026 – 10.9.2026

Country	Administrative area and ADIS reference number of the outbreak	Areas established as protection and surveillance zones, referred to in Article 1	Date until applicable
Romania	**Brașov county** RO-PPR-2026-00005	Protection zone: Those parts of Brașov County, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 46.07198, Long. 25.11636 (2026/5)	25.8.2026
		Surveillance zone: Those parts of Brașov County, County, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates Lat. 46.07198, Long. 25.11636 (2026/5)	12.9.2026
		Surveillance zone: Those parts of Timiș County, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates Lat. 46.07198, Long. 25.11636 (2026/5)	26.8.2026-12.9.2026

Parti B: Żona ristretta oħra

Country	Administrative area	Areas established as further restricted zone, referred to in Article 1	Date until applicable
Romania	**Mureș County**	The entire territory of Mureș County excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	14.9.2026
	Sibiu County	The entire territory of Sibiu County excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	14.9.2026
	Timiș County	The entire territory of Timiș County excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	10.9.2026
	Brașov County	The entire territory of Brașov County excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	12.9.2026
	Harghita County	The entire territory of Harghita County excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	12.9.2026

ANNESS II

Country	Administrative area	Areas referred to in Article 2	Date until applicable
Romania	**Mureș County**	The entire territory of Mureș County	15.9.2026-14.10.2026
	Sibu County	The entire territory of Sibu County	15.9.2026-14.10.2026
	Timiș County	The entire territory of Timiș County	11.9.2026-10.10.2026
	Brașov County	The entire territory of Brașov	13.9.2026-12.10.2026
	Harghita County	The entire territory of Harghita	13.9.2026-12.10.2026”